**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 16 ta' Marzu, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 1091/2016 AF**

**Banif Bank (Malta) plc (C-41030)**

**vs**

**Raymond u Marthese konjugi Mercieca**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Banif Bank (Malta) plc li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Il-kumpannija esponenti hi Bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha.

Il-konvenuti huma klijenti tal-kumpanija esponenti u hadu minghandha s-segwenti facilitajiet:

a. Equity Release Loan ta' tmenin elf Euro (€80,000), moghtija ai termini tal-Credit Agreement datat 2 ta' April 2013 (ara Dok. 'A') u kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Sharon Faith Farrugia fil-21 ta' Mejju 2013

(ara Dok. ‘B’), kwantu rifinanzjament ta’ facilitajiet mizmuma ma’ Bank iehor u hlasijiet ohra marbuta ma’ kompjuters, u

b. Business Loan t’erbghin elf Euro (€40,000) moghtija ai termini ta’ Credit Agreement datat 2 ta’ April 2013 (ara Dok. ‘C’) u kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Sharon Faith Farrugia fil-21 ta’ Mejju 2013 (ara Dok. ‘D’), sabiex jithallsu kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali, u

c. Personal Loan ta’ elf u mitejn Euro (€1,200) moghtija ai termini tal-Credit Agreement datat 3 ta’ Dicembru 2014 (ara Dok. ‘E’), sabiex jithallsu ammonti ohra dovuti lill-kumpannija esponenti.

Il-konvenuti naqsu milli jhallsu lura dawn l-facilitajiet u konsegwentement, l-ammonti dovuti minnhom, huma kif gej:

a. sitta u sittin elf, mija u erbgha u ghoxrin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€66,124.84), dovuti fuq l-Equity Release Loan. Dan l-ammont jinkludi mghaxijiet ta’tnejn u sebghin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€72.25) kalkulati sat-22 ta’ Settembru 2016 u jikkoncerna Account numru 344788 71 001 (ara Dok. ‘F’), u

b. sebgha u ghoxrin elf, sitt mija u disgha u sittin Euro u sitta u disghin centezmu (€27,669.96) dovuti fuq il-Business Loan. Dan l-ammont jinkludi mghaxijiet ta’mija u disgha u tmenin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€189.58) kalkulati sal-22 ta’ Settembru 2016 u jikkoncerna Account numru 344788 71 002 (ara Dok. ‘G’), u

c. tlett mija u tlieta u tmenin Euro u sitta u erbghin centezmu (€383.46) dovuti fuq il-Personal Loan. Dan l-ammont jinkludi mghaxijiet ta’ hames Euro u tnejn u tmenin centezmu (€5.82) kalkulati sat-22 ta’ Settembru 2016 u jikkoncerna Account numru 344788 71 003 (ara Dok. ‘H’);

L-ammonti fuq imsemmija, saru dovuti fl-intier taghhom mill-konvenuti lill-kumpannija esponenti, rispettivament ai termini t'artikolu 15 tal-Credit Agreement markat Dok. 'A', t'artikolu 12 tal-Credit Agreement markat Dok. 'C' u t'artikolu 11 tal-Credit Agreement markat Dok. 'E' u dan ghax kif jistipulaw dawn l-Artikoli, sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmijin fil-Credit Agreements, partikolarment, izda mhux esklussivament:

> "a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,
> b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,
> n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility".

In oltre, l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-kumpannija esponenti spejjez bankarji relatati mad-dejn taghhom kif gej:

a. fuq il-Current Account numru 344788 10 001 li l-konvenuti ghandhom mal-kumpannija esponenti, hemm dovuti seba' mija u tmienja u erbghin Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€748.26) li jinkludu mghaxijiet ta' tlett Euro u disgha u hamsin centezmu (€3.59) kalkulati sal-22 ta' Settembru 2016 (ara Dok. 'I'), u

b. fuq il-Current Account numru 344788 10 002 li l-konvenuti ghandhom mal-kumpannija esponenti, hemm dovuti mija u tmienja u ghoxrin Euro u erbatax –il centezmu (€128.14) li jinkludu mghaxijiet t'erbgha u sebghin centezmu (€0.74) kalkulati sal-22 ta' Settembru 2016 (ara Dok. 'J'), u

c. fuq il-Current Account numru 344788 10 003 li l-konvenuti ghandhom mal-kumpannija esponenti, hemm dovuti mija u zewgt Euro u tlieta u disghin centezmu (€102.93) li jinkludu mghaxijiet ta'sittin centezmu (€0.60) kalkulati sal-22 ta'Settembru 2016 (ara Dok. 'K').

Dawn l-ispejjez saru dovuti fl-intier taghhom in virtù t'Artikolu 5 tat-Terms and Conditions (ara Dok. 'L') u t'Artikolu 6 tal-Conditions of Use (ara Dok. 'M') relattivi ghall-istess Current Accounts;

In vista tas-suespost, l-ammont komplessiv dovut mill-konvenuti sat-22 ta' Settembru 2016, kien ta' hamsa u disghin elf, mija u sebgha u hamsin Euro u disgha u hamsin centezmu (€95,157.59).

Il-kumpanija esponenti ttentat tinterpella lill-konvenuti diversi drabi biex ihallsu dejnhom, fosthom permezz ta' ittra legali datata 1 ta' Marzu 2016 (ara Dok. 'N') u ittra ufficcjali numru 2559/2016, prezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili (ara Dok. 'O'). Di konsegwenza, l-konvenuti baqghu inadempjenti u kien propju ghalhekk li l-ftuh ta' din il-kawza sar necessarju.

Il-kreditu tal-kumpannija esponenti huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet tal-kumpannija esponenti.

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tiddikjara li l-konvenuti saru debituri solidalment bejniethom tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' €95157.59; u

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu solidalment bejniethom lill-kumpannija esponenti l-ammont ta' €95157.59,

Bl-ispejjez, bank charges u fees u bl-imghaxijiet mit-22 ta' Setttembru 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

1. Il-bank charges u fees ghandhom jinhadmu kif gej:

    a. kwantu Loan Account numru 344788 71 001, ai termini tal-Credit Agreement markat Dok. 'A' u t-Tariff of Charges applikabbli ghall-Equity Release Loan (ara Dok. 'P'), u

    b. kwantu Loan Account numru 344788 71 002, ai termini tal-Credit Agreement market Dok. 'C', u

    c. kwantu Loan Account numru 344788 71 003, ai termini tal-Credit Agreement market Dok. 'E' u t-Tariff of Charges relattiva ghall-Personal Loan (ara Dok. 'Q'), u

    d. kwantu l-Current Accounts kollha, ai termini tat-Terms and Conditions u l-Conditions of Use, markati rispettivament Dok. 'L' U Dok. 'M' U tat-Tariff of Charges relattiva (ara Dok. 'R');

2. L-imghaxijiet ghandhom jinhadmu kif gej:

    a. kwantu Loan Account numru 344788 71 001, bir-rata ta' 9.50% fis-sena ai termini t'artikoli 6 u 15 tal-Credit Agreement markat Dok. 'A', u

    b. kwantu Loan Account numru 344788 71 002, bir-rata ta'ghaxra fil-mija (10%) fis-sena ai termini t'artikoli 4 u 12 tal-Credit Agreement markat Dok. 'C', u

    c. kwantu Loan Account numru 344788 71 003, bir-rata ta' hdax punt hamsa fil-mija (11.5%) fis-sena ai termini t'artikoli 5 u 11 tal-Credit Agreement markat Dok. 'E', u

d. kwantu il-Current Accounts kollha, bir-rata ta' 10% ai termini tat-Tariff of Charges relattiva (ara markar bl-ahdar fuq Dok. 'R')

Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u dan b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija esponenti fil-konfront tal-istess konvenuti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta' Raymond u Marthese Mercieca li permezz taghha t-talbiet tal-bank rikorrenti gew ammessi kif dedotti.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha ta' Banif Bank (Malta) plc kif dedotti bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Raymond u Marthese konjugi Mercieca.

IMHALLEF

DEP/REG